TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru 22/78

Fil-kwistjoni tax-xogħol
bejn
Is-Sur Paul Grech
u
Messrs. Universal Travel, Valletta.

Chairman: C.J. Mallia.

Data: 3 ta' Awissu, 1978.

B'ittra datata 11 ta' Gunju, 1978, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Socjali u Kultura irriferit lil dan it-Tribunal, taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, l-allegazzjoni tas-Sur Paul Grech li huwa kien gie mkecci ngustament mid-ditta Universal Travel tal-Belt Valletta, li kienet taħdem vjaggi, shipping, turizmu, insurance, ecc.

2. Inħtiegu erba seduti biex jinstema' il-kaz, biex xhieda, dokumenti u sottomissjonijiet meħtiega. L-appellant kien assistit mis-Sur C.L. Farrugia, M. Sc.(Econ.) Lond., B.Sc., A.C.W.A., A.C.I.S., F.C.C.S., A.M.I.A., Konsulent Finanzjarju. Id-ditta kienet assistita mis-Sur R.A. Matrenza, D.Pol. Econ. (Oxon.), F.R.Econ.S., Konsulent Industrijali, għal l-ewwel seduta biss, u wara assuma l-assistenza tad-ditta is-Sur Noel Scerri. Għad-ditta kien hemm prezenti ukoll dejjem is-Sur Charles Degiorgio, Managing Director u proprijetarju tagħha.

3. Gie stabbilit li s-Sur Paul Grech kien gie impjegat fl-1 ta' Marzu, 1975, għal ftit zmien bħala trainee Cargo Manager W-inbagħad assuma il-kariga ta' Cargo Manager. Wara qiesu sentejn, u ezatt fl-1 ta' April, 1977, ingħata ħatra akbar, li kienet ta' Passenger and Cargo Sales Manager.

/........

/..........

4. Sa mill-ewwel seduta, is-Sur Charles Degiorgio sostna li, sa mill-ewwel kariga li kellu, is-Sur Paul Grech kien f'posizzjoni "managerial" fid-ditta, u kien igawdi l-fiducja tiegħu (issemma wkoll li Mr. Grech kellu wkoll cavetta ta' l-ufficcju personali tas-Sur Degiorgio). Din il-qaghda ghal l-ewwel giet kontestata minn-naħha ta' l-appellant. Izda fis-seduti ta' wara is-Sur Farrugia, għal l-appellant, ma insistiex fuq din il-kontestazzjoni. It-Tribunal għamel l-apprezzament tiegħu ta' din is-sitwazzjoni u wasal f'din il-konkluzjoni għall-finijiet ta' l-artikolu 33 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976. L-isem 'manager', li kull tant huwa uzat b'mod daqxejn laxk, mhux bilfors ifisser li wieħed qiegħed f'kategorija "managerial". Hemm x'jitqiesu elementi ta' salarju, fiducja, u awtorita'. Fil-kaz tas-Sur Paul Grech it-Tribunal ma jidhirlux li c-cirkostanzi kollha jpoggu lill-impjegat f'dik li l-Att isejjaħ "kariga amministrattiva". Izda ma hemmx dubbju li l-istess Sur Grech mal-Universal Travel kien jokkupa "kariga ezekuttiva li teħtieg fiducja specjali fil-persuna tad-detentur ta' dik il-kariga jew fil-ħila tiegħu li jaqdi d-dmirijiet tagħha". Għalhekk id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 33 (1), paragrafu tnejn, ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 japplikaw f'dan il-kaz.

5. Għal darb'oħra, t-Tribunal għandu quddiemu kaz ta' business li, f'certi aspetti tagħha, ma kienetx qed titmexxa 'on business lines'. L-ewwel nett irrizulta li l-ħatra originali tas-Sur Grech kienet informali (bil-kliem), u li element importanti bħal ma hi l-probation ma giex specifikat. L-istess ditta qalet li l-probation kienet haga solita, imma ma għarfetx tgħid ta' kemm tul kienet f'dan il-kaz. Probation soltu tkun ta' 3, 6, jew 12 il-xahar, skond kif ikun miftiehem. Imma x'jigri jekk ma jkun gie miftiehem xejn? Dan mhux l-ewwel kaz fejn gie quddiem it-Tribunal impieg verbali, mingħajr probation u kondizzjonijiet miktuba. Dan mhux sodisfacjenti mill-ebda punt di vista, u specjalment jista jkun ta' detriment għal l-interessi tal-ħaddiem. It-Tribunal ma għandux poteri biex jista jimponi ftehim ta' impieg bil-miktub f'kull kaz. Għalhekk jirrakkomanda

/..........

serjament lid-Dipartiment tax-Xoghol li jahseb biex jaghmel regolamenti biex kull impieg gdid, bil-kondizzjonijiet kollha tieghu, ikun bil-miktub, u biex isir ftehim bil-miktub f'dawk l-impiegi kollha li ga jezistu fejn kitba ma hemmx.

6. Aspett iehor li xejn mhu "business-like" f'dan il-kaz kienet il-prattika li l-Cargo Manager ihallas lill-burdnar minn butu, izomm nota x'hallas, u wara zmien jigbor dak li jkun nefaq minn ghand id-ditta. Sistema bhal dan, li mhu sistema xejn, jistieden l-abbuz, u min isofri ma tantx hu ta' min jaghdru jekk ikun ippermetta li jsir hekk.

7. Is-Sur Paul Grech tkecca minn mad-ditta Universal Travel fis-16 ta' Settembru, 1977, permezz ta' ittra li qaltlu: "This is to inform you that you are being discharged from your employment with the Company for a good and sufficient cause according to law." Issa kawza gusta u sufficjenti, biex tkeccija ma tkunx ingusta, mhux bizzejjed li ssemmiha. Trid tippruvaha. Sfortunatament, ebda hin id-ditta ma qalet lit-Tribunal: "Ara, r-raguni jew ragunijiet kienu dawn". Hawn regghandna kaz iehor fejn il-gravita' ta l-att ta' tkeccija ma gietx apprezzata, u fejn id-dover li tinghata aktar minn twissija wahda, u dan bil-miktub, gie injorat. It-Tribunal jaghmel riferenza ghad-decizjonijiet tieghu numri 19/78 u 20/78, fejn gew imsemmija r-rakommandazzjonijiet tal-I.L.O. (International Labour Office) dwar il-gravita' ta' tkeccija u dwar iz-zewg aspetti taghha, dak favur l-impjegat u dak favur l-employer. Jinhass li ghad hemm bzonn kampanja twila, fil-wisgha, ripetuta, u pacenzjusa, specjalment mill-gurnali, biex din il-qabza mortali imsejjha tkeccija ma tittiehedx la hafif, anqas minghajr kawza tassew gusta, u anqas minghajr twissijiet cari.

8. Hareg mix-xhieda taht gurament tas-Sur Charles Degiorgio stess li s-Sur Paul Grech tkecca mhux fuq inkompetenza imma fuq "fraud". Infatti, ghad li s-Sur Degiorgio beda jkollu xi suspetti dwar qligh mix-xoghol tas-Sur Grech fi Frar tal-1977, xaghrejn wara, f'April, huwa tah promotion

billi ziedlu l-Passenger management, u dan gie moghti pubblicita' gornalistika.

9. Issa, mela, dwar din l-akkuza cara ta' "fraud", it-Tribunal jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:

1. L-ewwel nett, "fraud" hija reat li jaghti lok ghal procedimenti immedjati quddiem tribunal divers minn dan, u hawnekk, jekk tkun hi l-kawza ta' tkeccija, ghanda tigi lesta ppruvata band'ohra.

2. Il-provi li ngiebu u d-dokumenti esibiti, dwar studji li saru fuq nuqqas ta' qligh, ma jippruvawx la "fraud" u anqas "misappropriation", iz-zewg termini uzati mid-ditta. Huwa veru stramb li d-ditta uriet li sal-lum qeda thallas trasport bil-£M1.15 kull metru kubu ghal cargo ta' l-istess natura li s-Sur Grech kien ihallas ghalih £M5.50 kull metru kubu sa mill-1975. Imma dan ma jippruvax "fraud" meta kollox kien jghaddi, biex jithallas, minn ghand is-Sur Degiorgio u wiehed mill-accountants tieghu. Kien id-dover tal-management, tal-veru management, li jara setghax jinstab l-istess servizz b'irhas. Is-Sur Grech xehed li hu, kif kien qieghed ihallas, kien jinqeda dejjem, malajr, u tajjeb, u kien qed jaghti lill-klienti servizz kif xtaqu huma. Fid-dokument esibit, li hu "Schedule of Incoming and Local Deliveries" ghat-Telemalta Corporation, hemm items fejn il-klienti Francizi gew invoiced ghal ammont daqs dak li thallas jew akbar. Dawn il-kumpanija injorathom fir-rendikont, avolja igibu aktar minn terz tal-ammont ta' £M64.50 taht il-kolonna "Difference in cost".

3. Is-Sur Degiorgio xehed car, waqt kontro-ezami mis-Sur Farrugia, li huwa lis-Sur Grech kien jaghtih "inizjattiva", mhux "awtorita'." Kompla jispjega li hu kien jaghtih "biex jaghmel il-haga hu, u jekk naccettaha jimxi u jekk le ma jimxix." Fil-fehma tat-Tribunal, b'din l-istqarrija s-Sur Degiorgio

/.......

rrinunzja għal kull pretenzjoni ta' ħtija daparti tas-Sur Grech, għaliex, kif osserva tajjeb is-Sur Farrugia waqt il-kontro-ezami, "kif tista lil bniedem li ma għandux awtorita' ittih ħtija fuq affarijiet li setgħu saru?".

10. Għalhekk l-att ta' "fraud", mogħti minn sid id-ditta bħala r-raguni tat-tkeccija tas-Sur Paul Grech, quddiem dan it-Tribunal ma giex sostanzjat. B'hekk it-tkeccija ma gietx murija li kienet gustifikata mir-raguni ta' "fraud".

11. Għar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu 4 hawn fuq, it-Tribunal huwa prekluz milli jordna li s-Sur Grech jerga jigi mpjegat. L-istess appellant dan ma talbux.

12. It-talbiet ta' l-appellant huma dawn:

(a). Certifikat minn għand l-employer ta' qabel li jagħraf fis-Sur Grech kondotta tajba u jgħid li l-waqfien ta' l-impieg kien għal raguni li mhiex "misconduct".

(b) Ħlas ta' paga li s-Sur Grech tilef mis-16 ta' Settembru, 1977, sal-lum, bl-imgħax magħruf f'kaz bħal dan.

(c). £M300 bħala kumpens għal ħsara psikologika u defamazzjoni kawzati mit-tkeccija.

(d) Ħlas ta' kull paga, overtime, commission, transport refunds, paga flok leave, u kwalunkwe ħaga oħra li kienet fid-dritt tas-Sur Grech u setgħet kienet outstanding jew pending fis-16 ta' Settembru, 1977.

13. It-Tribunal jiddikjara mill-ewwel li il-claims taħt (d) fil-paragrafu 12 hawn fuq jaqgħu barra mill-kompetenza tiegħu, għaliex huma kollha jappartienu għal qabel it-tkeccija.

14. Fid-dawl ta' dak kollu li sema' u ra, u ta' dak li <u>ma giex</u> ippruvat lilu, it-Tribunal jara li t-tkeccija tas-Sur Paul Grech minn Messrs. Universal Travel għar-raguni ta' "fraud" ma gietx sostanzjata. Huwa veru li, għal mistoqsija diretta

tad-difensur tal-appellant, is-Sur Charles Degiorgio, proprijetarju tad-ditta Universal Travel, semma biss, f'dak il-mument ta' kontro-ezami, "fraud" bhala raguni ghat-tkeccija. Dana ghamlu taht mistoqsija li poggietlu zewg alternattivi biss, u hu forsi ma kienx attent bizzejjed u accetta li jwiegeb fuq zewg alternattivi biss, li ghazilhomlu haddiehor. Izda huwa ugwalment veru li s-Sur Degiorgio kien ilu xhur imhasseb dwar l-operazzjonijiet li kien qed jaghmel is-Sur Grech. Dan (is-Sur Grech) tassew li kien moghti inizjattiva mill-principal. Izda rrizulta, u dan mhux fi kliem id-ditta biss, illi l-appellant mhux dejjem u f'kollox mexxa l-affarijiet kif suppost u kif normalment titlob l-etika tal-posizzjoni li kien jokkupa fid-ditta. Dan il-hsieb jimmilita xi ftit kontra r-ragun, jew nuqqas ta' tort, li ghandu l-appellant, jghatih ragun relattiv. Dan ir-ragun relattiv huwa wkoll imsahhah minn - nuqqas ta' twissijiet qabel it-tkeccija.

AWARD

15. Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, it-Tribunal isib favur l-appellant imma b'certi riservi. Ghalhekk, fuq it-talbiet ta' l-istess appellant jiddeciedi kif inhu gej:

a. Messrs. Universal Travel ghandhom jaghtu lil Mr.Paul Grech certifikat kif mitlub taht paragrafu 12 (a) hawn fuq.

b. Hlas ta' paga (paga biss) mitlufa ghandu jigi limitat ghal nofs Settembru u Ottubru kollu tal-1977, igiefieri, £M185.54 (E. & O.E.) u maghhom l-imghax xieraq.

c. Bhala kumpens ghal inkwiet u fama ghanda tithallas is-somma ta' £M50 (hamsin lira maltin).

d. Ic-certifikat u l-hlasijiet imsemmijin taht (a), (b), (c) hawn fuq taht dan l-istess paragrafu ghandhom jinghataw mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu, 1978.

(C.J. Mallia)
Chairman

(S.Grech)
Segretarju
fp

3 ta' Awissu, 1978.